

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13029/25

COPEN 272
CYBER 252
ENFOPOL 330
JAI 1275
DATAPROTECT 222
COSI 163
IXIM 199
CATS 46
FREMP 241
TELECOM 310
CT 117

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Aċċess għad-data għal investigazzjonijiet kriminali effettivi - Sitwazzjoni attwali

L-iżgurar ta' aċċess legali għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi għall-fini tal-infurzar tal-liġi u l-investigazzjonijiet kriminali huwa prijorità għall-Kunsill u huwa partikolarment meħtieġ fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu.

Wara l-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi (minn hawn 'il quddiem il-Grupp ta' Livell Għoli) li ħareġ rakkomandazzjonijiet¹ f'Mejju 2024 u rapport ta' konklużjoni² f'Novembru 2024, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi³ tat-12 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat Pjan Direzzjonali dwar l-aċċess legali u effettiv għad-data għall-infurzar tal-liġi⁴ fl-24 ta' Ġunju 2025 ("il-Pjan Direzzjonali"). Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni ulterjuri biex itejbu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż dwar l-aċċess effettiv għad-data għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.⁵

B'mod partikolari, il-Presidenza tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-Ministri għall-Ġustizzja għall-kwistjonijiet taż-żamma tad-data (1), l-interċettazzjoni legali tal-komunikazzjonijiet (2) u l-isfida orizzontali tal-kriptaġġ (3).

1. Żamma ta' data

"Żamma tad-data" tirreferi għall-obbligu impost fuq il-fornituri tas-servizzi li jżommu data mhux tal-kontenut (informazzjoni tal-abbonati, indirizzi IP, metadata dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni) għal ċertu perjodu ta' żmien sabiex tkun tista' ssir disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-fini ta' investigazzjonijiet kriminali.

Il-Grupp ta' Livell Għoli jiddedika wieħed mit-tliet kapitoli tar-rapport ta' konklużjoni tiegħu għaż-żamma tad-data. Fost il-kwistjonijiet ewlenin, ir-rapport jinsisti fuq il-frammentazzjoni attwali tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-isfidi addizzjonali ppreżentati mill-fornituri ta' servizzi "over-the-top" (OTTs), fosthom apps tal-messaġġi użati b'mod mifruq għall-mobiles. Bħala soluzzjonijiet possibbli, il-Grupp ta' Livell Għoli jindika l-istabbiliment ta' regoli minimi armonizzati għaż-żamma u l-aċċess. Jirrakkomanda wkoll it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi u l-professjonisti fil-qasam.

¹ 11281/24.

² 15941/2/24 REV2.

³ 16448/24.

⁴ 10806/25.

⁵ EUCO 12/25.

Fil-Pjan Direzzjonali tagħha, il-Kummissjoni tindika li ser theggi valutazzjoni tal-impatt bil-għan li r-regoli tal-UE dwar iż-żamma tad-data jiġu aġġornati kif xieraq. Il-valutazzjoni tal-impatt tnediet f'Mejju 2025 u hija mistennija li tiġi ffinalizzata fl-ewwel kwart tal-2026. Il-Kummissjoni tħeġġeġ ukoll lill-Europol u lill-Eurojust jaħdmu aktar fuq ir-razzjonalizzazzjoni tal-kooperazzjoni mal-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni u jiżviluppaw, f'kooperazzjoni ma' dawn il-fornituri, katalgu ta' data li jipproċessaw għall-finijiet tan-negozju tagħhom.

Fil-Kunsill, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN) iddedika l-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Mejju 2025 għall-kwistjoni taż-żamma tad-data, b'enfasi fuq proposta leġiżlattiva futura possibbli tal-UE dwar is-suġġett. It-tieni laqgħa saret fil-25 ta' Settembru 2025, fejn il-COPEN iddiskuta l-kontenut u l-kriterji xierqa għal dak l-istrument, anke fid-dawl tar-rekwiżiti stipulati fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QĠUE). L-oġettiv fiż-żewġ każijiet kien li jsir skambju ta' fehmiet u li jingħata kontribut għall-ħidma li qed issir mill-Kummissjoni.

Skont l-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, il-Presidenza tqis li żvilupp ewlieni fl-2026 jista' jkun il-bidu tad-diskussjonijiet dwar proposta leġiżlattiva għal regoli tal-UE dwar iż-żamma tad-data.

2. Interċettazzjoni legali tal-komunikazzjonijiet

L-interċettazzjoni legali tippermetti lill-awtoritajiet jiksbu aċċess moħbi għall-komunikazzjonijiet f'ħin reali.⁶

Fir-rapport ta' konklużjoni tiegħu, il-Grupp ta' Livell Għoli nnota li "filwaqt li l-interċettazzjoni legali tat-telekomunikazzjoni tradizzjonali tibqa' għodda essenzjali għal ħafna investigazzjonijiet, l-effikaċja ta' din il-miżura naqset drastikament billi issa s-servizzi tat-telekomunikazzjoni jingħataw l-aktar minn atturi oħra: skont diversi sorsi, madwar 97 % tal-messaġġi kollha minn mobiles issa jintbagħtu permezz ta' apps tal-messaġġi bħal WhatsApp, Facebook Messenger, u WeChat, filwaqt li l-messaġġi mibgħuta bl-SMS u l-MMS tradizzjonali jammontaw għal madwar 3 % biss tal-messaġġi."

⁶ Tkopri wkoll l-aċċess għall-komunikazzjoni bi ftit li xejn dewmien kif spjegat aktar fir-rapport ta' konklużjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli.

Il-Grupp ta' Livell Għoli jagħti diversi rakkomandazzjonijiet, inkluż bil-ħsieb li t-talbiet għal interċettazzjoni legali jsiru infurzabbli għat-tipi kollha ta' fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. Dawn jinkludu l-kjarifika tad-definizzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tal-interċettazzjoni legali, l-identifikazzjoni tas-salvagwardji meħtieġa, il-kjarifika tal-kunċett ta' ġurisdizzjoni territorjali fuq id-data, l-esplorazzjoni ta' kif l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea tista' tappoġġa talbiet transfruntieri aktar effiċjenti ta' interċettazzjoni legali u t-trawwim tal-iżvilupp ta' ftehimiet bilaterali dwar l-aċċess f'ħin reali għad-data ma' Stati terzi. Fuq medda aktar twila ta' żmien, abbażi ta' aktar analiżi u ta' valutazzjoni tal-impatt, l-esperti jirrakkomandaw it-tfassil ta' strument tal-UE dwar l-interċettazzjoni legali (li jikkonsisti fi strumenti legali mhux vinkolanti jew vinkolanti) għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi li jistabbilixxi obbligi infurzabbli għall-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fl-UE.

Fil-pjan direzzjonali tagħha, il-Kummissjoni tindika li ser tipproponi miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza tat-talbiet transfruntieri, filwaqt li jissaħħu l-istrumenti eżistenti bħall-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (sal-2027), u tesplora miżuri biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għat-tipi kollha ta' fornituri tal-komunikazzjoni, filwaqt li jiġi determinat l-aktar approċċ effiċjenti biex jiġu indirizzati dawk li ma jikkooperawx.

Matul il-Presidenza Daniża, l-Istati Membri ser jiġu mistiedna jikkondividu l-prattiki u l-limitazzjonijiet attwali tagħhom fl-implimentazzjoni ta' miżuri transfruntieri ta' interċettazzjoni legali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea u ftehimiet bilaterali u multilaterali.

3. Il-kwistjoni orizzontali tal-kriptaġġ

Huwa importanti wkoll li ssir insidenza fuq l-isfida li jirrappreżenta l-kriptaġġ għall-aċċess għad-data għal investigazzjonijiet kriminali effettivi, inkluż għall-kwistjonijiet taż-żamma tad-data u l-interċettazzjoni legali msemmin hawn fuq. Illum ħafna servizzi jużaw il-kriptaġġ minn tarf sa tarf biex jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni, il-privatezza u ċ-ċibersigurtà, iżda dan jista' jagħmilha diffiċli ferm biex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jiksbu aċċess legali għal data tal-komunikazzjoni li tista' tinqara.

Fil-Pjan Direzzjonali tagħha l-Kummissjoni tħabbar li fl-2026 ser tippreżenta Pjan Direzzjonali Teknoloġiku speċifiku dwar il-kriptaġġ biex jiġu identifikati u evalwati soluzzjonijiet li jippermettu aċċess legali għal data kriptata, filwaqt li jitħarsu ċ-ċibersigurtà u d-drittijiet fundamentali. Biex jintlaħaq dan l-għan, il-Kummissjoni qed twaqqaf grupp ta' esperti li qed jippjana li jibda jaħdem fil-ħarifa tal-2025.

Il-Kummissjoni ser tappoġġa wkoll ir-riċerka u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' dekriptaġġ ġodda biex il-Europol tiġi mgħammra b'mezzi ta' dekriptaġġ tal-ġenerazzjoni li jmiss (mill-2030).

Il-passi li jmiss u l-koordinazzjoni

Il-kwistjoni tal-aċċess għad-data għal investigazzjonijiet kriminali effettivi hija kumplessa u teħtieġ approċċ multidixxiplinarju. Għall-effiċjenza tal-ħidma futura u biex jiġi żgurat li jitqiesu l-aspetti kollha, il-Presidenza Daniża tqis li huwa essenzjali li jiġu involuti l-korpi preparatorji varji tal-Kunsill, fosthom dawk responsabbli għall-kooperazzjoni fis-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi, il-kooperazzjoni f'materji kriminali, u ċ-ċibersigurtà. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill inkariga lill-Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI), f'kooperazzjoni mal-Kumitat ta' Koordinament fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik għudizzjarja f'materji kriminali (CATS), biex jikkoordina, jiddiskuti u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali. Il-Presidenza Daniża ħejjiet ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-attivitajiet previsti dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi, b'diviżjoni tal-kompiti u skeda ta' żmien, li ġiet ikkunsidrata mill-COSI fit-18 ta' Settembru 2025.⁷

Il-Presidenza Daniża tqis li huwa importanti ħafna li jkompli jiġi żgurat li kemm il-Ministri għall-Affarijiet Interni kif ukoll il-Ministri għall-Ġustizzja jseguw mill-qrib l-iżviluppi dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi, bil-għan li l-infurzar tal-liġi jingħata l-għodod meħtieġa għall-prosekuzzjoni effettiva tar-reati b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali. Għal dan il-għan, ser titħejja nota ta' informazzjoni lill-Kunsill fi tmiem il-mandat tal-Presidenza li tinkludi l-attivitajiet imwettqa fi ħdan l-istrutturi varji tal-Kunsill.

⁷ 12381/25.